MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 15/2010

Il-Pulizija
(Spettur Dr Mario Cuschieri)

vs

Laurence Liegeois

**IL-QORTI RIMANDANTI**

Rat it-talba ghall-estradizzjoni (fol 1 tal-atti) tal-imsemmija Laurence Liegeois, maghrufa minn issa l-quddiem bhala ‘l-estradanta’ u li biha, fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku ta’ Thionville, Franza wara l-hrug ta’ mandat ta’ arrest mit-Tribunal msemmi, datat is-7 ta’ Ottubru 2008 fil-konfront tal-estradanta li hi mfittxija mill-awtoritajiet kompetenti gudizzjarja ta’ Franza, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 ghar-reati ta’ estorsjoni w atti vjolenti mwettqa f’assocazzjoni ma’ ohrajn.

Rat ic-certifikat tal-Avukat Generali skond l-artikoli 6A u 7 tal-istess Avviz Legali citat (fol 21 ibid) kif ukoll l-Alert skond ix-"Shengen Information System" mahrug fil-konfront tal-estradant (fol 6 ibid).

Rat l-imsemmi mandat ta' arrest ewropew bil-lingwa franciza u tradott fil-lingwa ingliza (fol 13 u fol 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazjoni finali.

Ikkunsidrat

Illi, qabel ma jigi deciz dan il-kaz fil-mertu, ser tigi konsiderata u deciza t-talba maghmula waqt it-trattazzjoni finali in rigward l-artiklu 23 tal-Avviz Legali imsemmi (fol 41 u fol 42 ibid). Din it-talba tirreferi ghall-produzzjoni Quddiemha ta' diversi xhieda fosthom dawk li kienu fil-grupp mal-estradanta meta allegatament sehhew l-atti addebitati lill-istess estradanta, liema xhieda jistghu wkoll jiddeponu dwar x'sehh fis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni (fol 69 et seq ibid) in rigward il-presenza o mono intenzjonata tal-istess estradanta. Inoltre l-istess talba tkompli tghid illi hemm diversi dokumenti rilevanti fosthom dawk li jirreferi ghal appell, quddiem il-Qorti tal-Appell Franciza moghtija fil-kaz ta' Matheu Schmitt marbuta mas-sistema ta' esekuzzjoni ta' sentenzi fil-kamp kriminali u fis-sistema franciza u dan biex jigi gustifikat li l-estradanta qatt ma harbet mill-gustizzja u sabiex tiggustifika l-assenza taghha quddiem il-Qorti barranija.

Illi wara li semghet it-trattazzjoni fuq dan il-punt u wara li kkonsiderat ir-risposta tal-Prosekuzzjoni (fol 42 ibid) l-istess Qorti tixtieq tirrileva is-segwenti;

a) Ma hemm ebda dubbju illi kif jirrizulta mis-sentenza esebita u mhix kontestata vis-à-vis l-awtenticita taghha, l-estradanta ma kienetx presenti ("non comparant") izda kienet rapprezentata minn Avukat "… muni d'un pouvoir de rappresentation" ossija aventi prokura ghal kull effett u fini fil-ligi (ara fol 51 kif ukoll fol 53 tal-atti).

b) Kemm dak li jinghad fil-mandat ta' arrest in ezami kemm dak rizultanti mill-imsemmija sentenza huma provi validi skond il-ligi "in materia" u dawn jikkostitwixxu prova sufficjenti sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni Taghha a bazi tal-artikolu 23 citat.

c) In rigward il-provi li d-difiza qed titlob li jinstemghu jew jigu ezebiti skond kif elenkati fl-istess talba, certament l-ebda Qorti <u>ma tista' tannetti</u>, f'proceduri ta' estradizzjoni, <u>provi dwar</u> "<u>x'sehh fis-sentenza</u>" imsemmija jew provi, f'forma ta' dokumenti, fosthom sentenza moghtija vis-à-vis persuna li ma hiex involuta f'din il-procedura ta' estradizzjoni.

d) Ghalhkekk, in vista li hemm provi sufficjenti sabiex juru li l-estradanta, fil-proceduri fi Franza kienet assenti izda rapprezentata minn Avukat awtorizzat permezz ta' prokura ghal dan il-ghan sabiex jirraprezentha u jassistiha, l-istess Qorti ma tarax li tista' tannetti l-provi skond it-talba in ezami maghmula mid-difiza.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, dan deciz, preliminarjament, il-Qorti ser taghti d-decizjoni Taghha a bazi tal-artikolu 23 citat.

Illi, wara li gew konkluzi l-istadji precedenti, din il-Qorti kkonsiderat s-segwenti fatti li ghalihom gja saret referenza cjoe:-

a) Kemm mill-mandat ta' arrest kemm mid-decizjoni franciza, irrizulta illi d-decizjoni moghtija fil-konfront tal-estradanta u li permezz taghha hi nstabet hatja ta' vjolenza intenzjonali fi grupp u ta' estorsjoni, kienet inghatat "in absentia". F'dan ir-rigward, trattasi li, bhala regola, din it-tip ta' decizjoni hekk reza hi estranea fil-kamp kriminali nostran, l-istess Qorti hi tal-fehma illi tali stat ta' fatt ghandu jigi konsiderat b'certa attenzjoni u f'kaz ta' dubbju dan ghandu jmur favur l-estradanta meta tikkonsidra dwar jekk hi assentat ruhha deliberalment u intenzjonalment waqt il-proceduri relattivi.

b) Dwar dan l-ahhar punt, bazat fuq l-artikolu 23(3) ibid, wara li kkonsiderat l-istess punt, attentament u b'certa kawtela, il-Qorti tara illi l-fatt biss illi l-estradanta appuntat Avukat sabiex jidher ghaliha permezz ta' prokura jindika b'mod car u evidenti illi hi kienet intenzjonata illi tassenta ruhha u ma tuzax id-dritt taghha li tkun prezenti waqt li l-kaz taghha kien ser jigi trattat u deciz quddiem il-Qorti barranija.

Illi, konsegwentement, skond l-artikolu 23(4) ibid, din il-Qorti ghandha tipprocedi skond l-artikolu 24 ibid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, skond l-istess artikolu 24 citat, Tordna illi l-persuna ossija l-estradanta tinzamm taht kustodja sabiex hi tistenna illi tigi mreggija lura lejn il-pajjiz skedat involut u li hareg il-mandat in ezami u dan wara l-iskadenza ta' sebat (7) ijiem minn din l-Ordni u dan sabiex tiskonta l-piena rimanenti skond is-sentenza moghtija mit-Tribunal franciz u li hi "res judicata".

Inoltre, a bazi tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 275 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tixtieq tinforma lill-istess persuna illi hi ghandha d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell u li jekk thoss illi l-artiklu 10(1) u (2) tal-istess Att gew miksura jew illi l-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) inkisru jew jistghu qedin jinkisru fil-konfront taghha u ghalhekk jkunu gustifikati r-revoka, l-annullament jew tigi modifikata din l-Ordni, hi ghandha l-jedd sabiex tapplika ghal rimedju taht l-istes Kostituzzjoni jew Konvenzjoni msemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------